**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 069/2020**

**HK (l-ilmentatur)**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**

**(il-provditur tas-servizz/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tas-6 ta' Lulju 2021**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn, fil-qosor, l-ilmentatur jghid li l-vettura tieghu, *Mercedes C Class C200 2004 Facelift Diesel,* kienet inxurjata ma' *Citadel Insurance p.l.c.*

Illi waqt li kienet qed tinsaq il-karozza in kwistjoni nhar il-15 ta' Mejju 2020, xi hadd gibed l-attenzjoni tas-sewwieq li minn taht il-karozza kien hiereg in-nar.

Illi bl-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili dan in-nar intefa.

Illi fit-18 ta' Mejju 2020, ghamel klejm lill-assikurazzjoni biex tikkumpensah tal-hsara li garrab minhabba dan il-hruq.

Illi bi qbil mal-provditur tas-servizz, il-karozza ittiehdet ghand *Sushine Garage* biex jara xi hsara kien hemm. L-assikurazzjoni tat struzzjonijiet lill-ilmentatur sabiex il-karozza tittiehed ghand *Kind's* biex isir *survey* mis-Sur Agius. *Kind's* infurmawh li l-ispiza telghet ghal €11,844.70, u anke tista' tizdied.

Illi wara li l-ilmentatur cempel diversi drabi lill-provditur tas-servizz u dan ma kienx iwiegbu, fl-ahhar qalulu biex imur l-ufficcju tal-Furjana sabiex ikellmu certu Lawrence Formosa.

Illi l-assikurazzjoni qaltlu li l-hruq kien sar minhabba li l-*catalyser* (*catalytic converter*) qatt ma kien ghamillu *service* u qabad. Jekk ma jgibilhomx dokumentazzjoni li turi li kien ghamillu *service* jew li bidlu, ma kinux ser jonoraw il-klejm. Però, qalulu wkoll li peress li kien klijent tajjeb kienu lesti li jaghtuh €4,000 *ex gratia* li tellghuha ghal €6,000. L-ilmentatur ma accettax dan ghaliex il-vettura kienet tiswa €9,500.

Illi l-ilmentatur isostni li *catalyser* ma jistax isirlu *service* ghax issigillat u jinbidel meta tixghel l-*alarm* ghaliex *catalyser* normalment iservi ghal madwar mitt elf mil jew mija u sittin elf kilometru. Il-vettura ma kellhiex daqshekk mili jew kilometri. Dan ikkonfermawh ukoll l-esperti.

Illi l-ilmentatur isostni li l-assikurazzjoni qed titolbu xi haga li qatt ma seta' jaghtiha sabiex tevita l-klejm.

Bhala rimedju l-ilmentatur qed jitlob il-hlas ta' €8,500 u r-*wreck* tal-vettura. Din il-figura wasal ghaliha billi naqqas 10% mis-somma assikurata ta' €9,500 ghal hdax-il xahar minn Lulju 2019 sa Mejju 2020.

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz li bazikament tghid:

Illi s-*surveyor* Natalino Agius kien qalilhom li n-nar gie kkagunat minn *catalyst unit* li ma kienx gie *serviced* u dan ikkonfermah l-ilmentatur stess li kien qalilhom li ma kellux *log history* tal-karozza.

Illi b'hekk, il-polza ma kinetx tkoprih ghaliex dak li gara huwa konsegwenza ta' *wear and tear* li l-assikurat stess ma hax hsieb. Il-paragrafu intitolat '*Exclusions to Section 1'* fil-pagna 9 tal-polza jinkludi *standard exclusions* li wiehed isib f'kull *motor insurance policy.* Issir referenza ghal sub-paragrafu 1 li jghid:

'*You are not covered for:*

1. *Loss of use or any other consequential loss, loss of value, depreciation, wear and tear, mechanical, electrical or electronic failure, breakdowns or breakages'*

Illi ghalhekk l-ilmentatur mhu intitolat ghall-ebda hlas min-naha tal-assikurazzjoni.

Illi, però, bhala gest ta' relazzjoni tajba bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat, l-assikurazzjoni digà offriet *ex gratia payment* lill-assikurat fis-somma ta' €6,000 izda huwa ma accettax. Din is-somma *ex gratia* ghadha qed tigi offruta.

Sema' lill-partijiet u lix-xhieda,

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz,

**Jikkunsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

Sabiex l-Arbitru jkun jista' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu u ghad-decizjoni ser iqis u janalizza l-ilment u r-risposta fl-intier taghhom, il-verzjonijiet tal-partijiet u x-xhieda prodotti, kif ukoll, id-dokumenti esebiti.

**Verzjoni tal-Ilmentatur**

**L-ilmentatur** ikkonferma l-istess fatti msemmija fl-ilment u, biex l-Arbitru ma joqghodx jirrepeti, qed jaghmel referenza ghax-xhieda tal-ilmentatur li qieghda *a fol.* 75-78 u 145-147 tal-process.

B'zieda ghal dak li qal fl-ilment, l-ilmentatur jghid li l-*valuation report* kien jaghmlu kull sentejn u, eventwalment, beda jaghmlu kull sena. L-ahhar wiehed kien ta' Gunju 2019 ghall-valur ta' €9,500. L-ilmentatur jaghti deskrizzjoni ta' kif sar il-hruq tal-karozza u kif l-assikurazzjoni qaltlu li anke jista' jiehu l-karozza ghand il-*mechanic* tieghu u wara qalulu jehodha ghand *Kind's Auto Sales* ghal *survey.*

L-assikurazzjoni irrifjutat li tghaddilu dan is-*survey.* Barra minn hekk, irrifjutat li thallas ghall-*claim* u qaltlu li peress li kellhom xi 11-il vettura inxurjata maghhom, kienu qed joffrulu erbgha jew hamest elef ewro.

Ir-rapprezentant tal-assikurazzjoni qallu li l-karozza kellha 'l fuq minn mitt elf mil, izda dan ma kienx minnu ghaliex kellha xi 144,000 kilometru u, ghalhekk, kien hemm differenza kbira.

---

[1] Kap 555, Art. 19(3)(b)

Ghalkemm *Kind's* baghtulu stima ta' €11,844, il-karozza kienet inxurjata ghal €9,500, u l-*insurance* setghet izzomm ir-*wreck* hi.

Il-*valuation reports* tal-karozza kien jaghmilhomlu Joe Cortis. Dawn il-*valuation reports* saru fuq talba tal-assikurazzjoni, u kull sena kien jghaddilhom kopja tar-rapport u l-*premium* kien jirrifletti l-ammont tal-*valuation report.*

Il-vettura kienet *Mercedes C Class C200 2004 Facelift Diesel.* Xtraha mill-Ingilterra u kienet qisha l-*baby* tieghu u kien iffissat ghall-mod kif kien jiehu hsiebha. Kellu anke s-*services* kollha li saru l-Ingilterra. Is-*service* regolari tal-karozza kien isir ghand *Sunshine Garage* li ghamlulu l-ahhar *service*. Meta kien jehodha ghas-*service* kien jghid lill-*mechanic* tas-*Sunshine Garage* biex jaghmlilha dak kollu li kien mehtieg hekk kif johrog mill-kompjuter.

Qatt ma kienet xeghelitlu xi bozza hamra li turi xi hsara hlief darba meta marlu l-*breakline* tan-naha tal-passiggier ta' wara.

Jghid li meta kien jiehu l-karozza ghand is-*Sunshine Garage* qatt ma ssemma' l-*catalyser.* Fil-fatt, id-dokumenti tal-VRT juru l-*Pass.* Kieku l-*catalyser* ma kienx tajjeb xi haga kienet turi.

Dwar is-*service* ma kienx jehodha ghand tal-*Mercedes* ghaliex dawn kienu jiccargjaw ferm aktar milli kieku kien jehodha ghand il-*mechanic* tieghu, però, dan kien kompetenti wkoll. Jghid li hadd ma kien qallu biex jitfa' *catalyser cleaner* ghax hadd ma jghidlek taghmel dan. Il-*catalyser* qatt ma nbidel u qatt ma xeghelt xi bozza hamra dwaru.

It-test tal-VRT ta' kull sentejn jindikalek jekk ikun hemm l-*emissions* u, allura, hemmhekk digà ghandek rizultat tal-*catalyser.*

Dwar il-valur tar-*wreck* qalulu €200/€400. Jekk l-assikurazzjoni qed tghid li jiswa €1,000, allura, kien lest li jhalli r-*wreck* lill-*insurance.* Jammetti li fiz-zmien tal-incident kien qal lill-assikurazzjoni li bi €8,500 kien igib karozza ohra bhalha, però, llum trid izzid 28% ohra maghha peress li dahhlu d-dazju.

L-ilmentatur ressaq bhala xhud li **Joe Cortis** li huwa *Motor Vehicle Surveyor* li, fil-qosor, qal dan li gej:

Jghid li hu kien kwalifikat hafna bhala *Motor Vehicle Engineer* u kien ilu jahdem f'dan il-qasam ghal 28 sena. Lill-ilmentatur kien ilu jafu ghaliex kien jaghmillu *a*

*pre-risk survey* qabel jinxurja l-karozza u kien jaghmel *condition report* ghall-assikurazzjoni fuq il-*Mercedes* tal-ilmentatur. Jikkonferma l-*Motor Vehicle Valuation Report* ta' diversi snin, fosthom, l-ahhar wiehed ta' Gunju 2019.

Il-karozza kien ilu jezaminaha ghal diversi snin u jaf li l-ilmentatur kien jiehu hsiebha tajjeb hafna tant li, fost il-kategoriji ta' klassifikazzjoni, kien jindikaha bhala *Excellent Condition.* Wara li jsemmi l-mod metikoluz ta' kif kien jezamina l-karozza, ix-xhud jghid li l-arlogg kien juri kilometragg u mhux mili.

Imbaghad, jispjega kif kien jahdem *catalyser* u x'kienet il-funzjoni tieghu.

Meta ghamel l-ahhar *evaluation report,* ma kinux jidhru xi *faults* fil-karozza.

In generali, il-*lifespan* ta' *catalytic converter* hija ta' mitt elf mil li jigu ekwivalenti ghal 160,000 kilometru. Meta l-kilometragg jilhaq dak l-ammont, il-*catalytic converter* ghandu jinbidel.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Il-provditru tas-servizz ressaq bhala xhieda tieghu lil Natalino Agius, *Assessor* tal-vetturi u lil Joseph Sultana, *Foreman* fil-garaxx ta' *Kind's Auto Sales.*

**Natalino Agius** xehed, fost l-ohrajn, illi lilu appuntawh *Citadel* bhala *assessor ex parte.* Kien hu li ssuggerixxa li l-karozza tittiehed ghand *Kind's* u ra l-karozza flimkien ma' Joe Sultana, *Service Adviser,* ta' *Kind's.*

Xogholhom kien li jelenkaw il-hsarat u jippruvaw jistabbilixxu l-kawza tal-hruq. Iddecidew li l-hruq gie mill-*catalyser* li kien *overheated* u hall il-*parts* ta' madwaru li qabdu. Wara li spjega fid-dettall kif jahdem il-*catalyser,*[2] u spjega li kollox jiddependi fuq *sensors* li jridu jigu ccekkjati b'*computer test,* jghid li apparti iccekkjar bil-*computer*, hemm ukoll sistema fejn jithallat xi likwidu mal-*fuel* li jnaddaf il-*catalyser*.

Jghid li f'dan il-kaz, irrizulta li l-*catalyser* sahan gewwa bizzejjed - illi mhux normali - biex inhallet il-*heat shield* u nhall il-*wiring* u qabad in-nar. Jghid li mhux normali li tifforma din is-shana kollha fil-*catalyser*.

Fuq kemm iservi *catalyser* '*isemmu kemm mileage kif ukoll zmien; zmien hu ghaxar snin u anke jsemmu 160,000 km; però, l-karozza trid tkun serviced kif*

[2] *A Fol.* 147

*suppost; jekk ma jkollokx service kif suppost u ma tuzax l-affarijiet tas-service irrakkomandati mill-manifattur, inti tkun qed tghaggel il-process tal-lifetime tal-catalyser'.*[3]

Jghid li ma rax il-*computer test,* però, biex qabad kien hemm xi haga '*mekkanikament hazina*'.

In kontroezami jghid li kkonkludew li l-*catalyser* kien sahan ghaliex il-hsara kienet qribu. Jghid li l-*catalyser* mhuwiex *a serviceable part* ghax maghluq imma tista' zzid *additive* biex jekk ikun qed jinstadd, jinfetah. Jekk il-*catalyser* ma jkunx qed jahdem sew, apparti l-*warning light*, il-*power* tal-magna tonqos u barra li tonqos il-gibda gieli jaghmel riha u shana enormi. Jghid li hu ma tkellimx mal-ilmentatur ghax mhux normali li jaghmel hekk.

Jaqbel li l-160,000 km din il-karozza m'ghamlithomx imma kienet vicin. Però, kellha 16-il sena u l-10 snin qabzithom. Mistoqsi jekk il-*manual* tal-karozza jghidx li wara 10 snin il-*catalyser* irid jinbidel, jghid li l-*manual* tal-karozza ma kienx rah.

**Joseph Sultana,** fost affarijiet ohra, jghid li hu kien *Foreman* fil-garaxx ta' *Kind's* u kien ezamina l-vettura fejn gie stabbilit li l-hruq kien gej min-naha tal-*catalyser*, izda, peress li kellha hruq estensiv, ma setghux juzaw il-*computer* biex jiddeterminaw specifikament x'kienet il-kawza proprja tal-hruq. Imma kollox kien juri li l-hsara bdiet min-naha tal-*catalyser*.

Jghid ukoll li l-*catalyser* iservi jew mitt mil jew ghaxar snin. Wara li spjega l-*protocol* taghhom, u kif dejjem juzaw il-*computer* biex jistabbilixxu xi *fault*, jghid Ii m'hemm l-ebda obbligu li proprjetarju ta' *Mercedes* irid jaghtiha s-*service* ghand il-garaxx tal-*Mercedes,* tant li kien hemm kazi li anke waqt il-perjodu tal-garanzija uzaw servizz ta' haddiehor.

Mistoqsi jghid minn fejn gab l-informazzjoni li l-*catalyser* irid jinbidel kull 100 mil jew ghaxar snin, u jekk dan huwiex fil-*manual* tal-*Mercedes*, jghid li dan m'huwiex fil-*manual.* Lanqas il-*Mercedes* ma tawh din l-informazzjoni meta kitbilhom. Jghid li meta jkun wasal iz-zmien tas-*service* fuq il-*Mercedes* jitlalek messagg u ma tridx thalli aktar minn sena jew 6,000 km biex taghmlu.

[3] *A Fol.* 148

Jghid li ma rax il-*logbook* tal-vettura u l-mod kif kienet tigi *serviced* il-karozza anke meta kienet barra minn Malta.

Mistoqsi meta jasal biex jinbidel il-*catalyser* jimmarkalekx fuq id-*dashboard* li jrid jinbidel, jghid li tixghellek il-bozza tal-magna:

'*Din ghandha s-sensors kollha minn tal-arja, tal-fuel, kemm qed taqra t-temperatura. Kif tixghellek il-bozza u sensor minnhom mhux qed jaqra, awtomatikament il-catalyser mhu qed jahdem assolutament xejn, Jitfilek is-sistema kollha u dan qed jimblokka ruhu naqra naqra. Le ma jghidlekx fuq id-dashboard li trid tibdel il-catalyser. Tixghellek il-bozza s-safra tal-magna*.'[4]

**Konsiderazzjonijiet ohra:**

*Ir-raguni tar-rifjut tal-claim*

Il-provditur tas-servizz jghid li hu rrifjuta l-*claim* ghaliex kien hemm eskluzjoni fil-polza li tghid li l-assikurazzjoni ma taghmilx tajjeb ghall-hsara jekk il-hsara tkun kagun ta' *wear and tear* peress li l-assikurat ma jkunx ha hsiebha.[5]

*L-eskluzjonijiet f'polza ta' assikurazzjoni*

Huwa fatt maghruf li l-eskluzjonijiet f'polza ghandhom l-iskop li jillimitaw ir-riskju inxurjat billi jghidu x'mhux ser ikun inxurjat. Filwaqt li l-klawsoli li jkopru r-riskju jiddeskrivu ghalxiex wiehed ikun inxurjat, l-eskluzjonijiet jintuzaw bhala ghodda biex inaqqsu l-iskop tal-istess assikurazzjoni billi jillimitawha.

Imma dwar l-eskluzjonijiet hemm ukoll il-parametri u ma jistghux jintuzaw biex imorru kontra jew jannullaw l-iskop tal-assikurazzjoni. Fil-fatt, kultant tisma' l-kelma popolari li meta tinxurja hemm aktar fiex m'intix kopert milli dak li jkoprik.

Filwaqt li hu fatt li l-assikurazzjoni trid tkejjel ir-riskju li tidhol ghalih, galadarba tasal ghal kuntratt ta' assikurazzjoni mal-assikurat, il-kuntratt irid jigi interpretat bl-aktar mod gust, jekk xejn, minhabba l-principju tal-*uberrima fides.* Ghalhekk l-eskluzjonijiet ghandhom jitqajmu fejn verament hemm lokhom u fejn il-fatti tal-kaz partikolari jwasslu lill-assikurazzjoni temmen li dik l-eskluzjoni hija koperta minn kif sehh ir-riskju; minn kif sehhew il-fatti. Izda l-

[4] *A Fol.* 152
[5] *A Fol.* 69

eskluzjonijiet ma jistghu qatt jannullaw l-effett tal-polza billi ma jkoprux riskju kopert minghajr ebda raguni valida u legali.

Dan sostnewh anke Qrati barranin.

Fis-sentenza fl-ismijiet *Cate Doosey v Nigel Walsh & Complete Building Inspection Services Pty Ltd,*[6] il-Qorti ta' *New South Wales* qalet li *'exclusion clauses which impose an inappropriate limit on the promised field of cover under the policy will not be effective.'*

Barra minn hekk, anke l-mod kif tigi interpretata l-polza, trid tkun interpretata b'mod gust biex tali interpretazzjoni ma tkunx qed teskludi l-iskop ghalfejn persuna tkun inxurjat ruhha. Dan iwassal ghal dak li qal l-imhallef fis-sentenza 'l fuq imsemmija, fejn sostna li polza ma tistax tigi interpretata biex taghmel ***'commercial nonsense'***.[7]

Din is-sentenza tfakkar li klawsoli ta' eskluzjoni ma jistghux jillimitaw ir-riskju inxurjat b'tali mod li jigi annullat l-oggett tal-polza.

Ghalhekk, jekk l-assikurazzjoni tqajjem bhala difiza klawsola ta' eskluzjoni, trid tkun l-istess assikurazzjoni li tipprova li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom f'dik l-eskluzjoni. Dan gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna. Min-naha tieghu, l-assikurat irid jipprova li r-riskju li sehh huwa kopert bil-polza.

Il-Qrati taghna stabbilew[8] ukoll li:

*'.. f'cirkostanzi normali u taht ir-regola generali, meta ssehh dik il-grajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jaghmel tajjeb ghat-telf imgarrab mill-assikurat. Sakemm ma johrogx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-grajja jew iffacilita li ssehh, l-assikuratur huwa mistenni li jhallas l-indennizz.'*

**Jekk il-provditur tas-servizz ghandux raguni biex jirrifjuta l-*claim***

F'dan il-kuntest tajjeb jinghad li l-eskluzjonijiet f'polza qatt ma jistghu jinqraw wahedhom, izda jridu jinqraw ma' dak li l-assikurat huwa inxurjat ghalih. Meta jinqraw flimkien jigi stabbilit jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz dik l-eskluzjoni tapplikax jew le. Ghalhekk, f'dan il-kaz, galadarba l-provditur tas-

[6] [2017] NSWDC 8
[7] F'dan ir-rigward ara wkoll: *McCann v Switzerland Insurance Australia Ltd* (2000) 203 CLR 579
[8] *Mario Borg vs Middlesea Insurance plc,* PA, 29/09/2016

servizz qed jghid li l-ilmentatur ikkontribwixxa ghall-hsara li sehhet fil-vettura u b'hekk qed japplika l-eskluzjoni, l-Arbitru jrid janalizza kif sehh l-incident u ghaliex gara.

Specifikament il-provditur tas-servizz jinsisti li l-hruq fil-karozza sar minhabba li sahan hafna l-*catalyser* (*catalytic converter*) u qabbad il-*parts* ta' madwaru u n-nar infirex mal-karozza kollha. Isostni illi kieku l-*catalyser* gie '*serviced'* mill-ilmentatur ma kienx jishon.

U sabiex jghid dan, il-provditur tas-servizz ressaq ix-xhieda ta' Natalino Agius li spjega kif *catalytic converter* jista' jishon u, flimkien ma' Joseph Sultana, ghamlu lista tal-hsarat tal-karozza u waslu ghall-konkluzjoni li l-hruq kien gej min-naha tal-*catalyser*. Izda hadd minn dawn iz-zewg xhieda ma ta xi prova konkreta li s-*service* li kien jaghmel regolarment l-ilmentatur ma kienx wiehed adegwat.

Anzi l-ilmentatur gab provi konkreti biex jipprova:

1. Illi l-karozza kien jiehu hsiebha hafna tant li kien donnu iffissat fuqha. Dan johrog kemm mix-xhieda tal-ilmentatur kif ukoll mix-xhieda ta' Joseph Cortis, is-*Surveyor*, li kien jaf il-karozza sew peress li kull sena kien jaghmillu *pre-risk survey* biex l-assikurazzjoni tkun tista' tinxurjalu l-karozza skont il-valur li kien jistabbilixxi l-istess *surveyor*.

   Dawn l-istimi li kien jaghmel Cortis dejjem gew accettati mill-assikuratur u, ghalhekk, is-*surveyor* kellu l-fiducja tal-assikurazzjoni. Bil-gurament dan ix-xhud ikkonferma illi l-ilmentatur kien izomm il-karozza f'kundizzjoni tajba hafna:

   '*Din il-karozza kont ili naraha ghal numru ta' snin. Il-mod kif izommha s-Sur Camilleri dejjem stabbilixxejt li kien izommha f'kundizzjoni eccellenti. Meta nghid "kundizzjoni eccellenti", ghandek diversi tipi ta' kundizzjonijiet, jigifieri, tista' tkun "a poor condition", "good condition", "very good condition" u "excellent". Meta tajt id-description hawnhekk, tajt id-description li kienet "in excellent condition". Ghandi ritratti tal-vettura li juru l-vettura kif kienet mizmuma'.*[9]

[9] *A Fol.* 122

2. *Jekk il-catalyser setax jinghatalu service*

   Ix-xhud tekniku li ressaq l-ilmentatur xehed li *catalyser* jew *catalytic converter* ma tistax taghmillu *service* ghaliex dan ma kienx bhal magna li tista' tiftahha, tibdlilha z-zejt, l-*air cleaner, filter, etc:*

   '*Catalytic converter ma jigix serviced; ghandu a lifespan u, eventwalment, jekk il-magna stess tinduna, u l-karozza taghti fault, hemm probabbilment tindika l-htiega li jinbidel'.*[10]

Ix-xhud izid jghid li meta jkun qed jaghmel ir-rapport kien dejjem jixghel ic-cavetta biex jara jekk fuq id-*dashboard* jigix indikat li hemm xi hsara (*fault*). Kieku jkun hemm *faults* tixhel bozza orangjo. Finalment, jghid li l-hajja ta' *catalytic converter* hija ta' mitt elf mil, li jigu ekwivalenti ghal 160,000 kilometru, u meta jintlahaq dak il-kilomitragg ghandu jinbidel.

Ix-xhud tekniku li ressaq il-provditur tas-servizz seta' jixhed l-aktar fuq il-hsara li garrbet il-karozza u raha wara l-hruq. Dwar il-*catalyser* jghid li huwa minnu li dan ma jistax jinfetah biex jigi *serviced,* però, bil-kompjuter tkun taf jekk staddx u zied:

'*Qed jinghad li din mhix a serviceable part ghax maghluqa, nghid li vera maghluqa, però, biex tippreveni trid izzid l-additive biex jekk tkun qed tinstadd, titnaddaf'.*[11]

Mix-xhieda taz-zewg esperti *ex parte,* ghalhekk, jirrizulta li l-*catalyser* mhix parti tal-karozza li tista' titnaddaf facilment u, normalment, dan jinbidel meta l-karozza tilhaq il-160,000 kilometri. Fuq dan hemm qbil bejn l-esperti tal-partijiet, izda t-tekniku tal-provditur tas-servizz izid il-perjodu ta' 10 snin li tkun ilha tahdem il-karozza bhala kriterju iehor.

Izda l-Arbitru mhux konvint minn din il-parti tax-xhieda ghaliex meta mistoqsi jekk dan huwiex stabbilit fil-*manual* tal-karozzi, jghid li l-*manual* ma kienx rah u ma jghidx minn fejn gab dan il-kriterju. Ix-xhud kien jaf li l-karozza kellha sittax-il sena u wisq probabbli dahhal dan il-kriterju biex, kif jghid il-Malti, iqarreb il-bocca lejn il-likk.

---

[10] *A Fol.* 123

[11] *A Fol.* 149

L-istess tekniku jispjega[12] li jekk *catalyser* ma jkunx qed jahdem kif suppost, barra li tixghel il-bozza fuq id-*dashboard,* meta jibda jistadd il-*power* tal-makna ma jkunx normali u wahda mis-sinjali tkun li l-*performance* tal-makna ma tkunx kif suppost. Barra l-gibda gieli wkoll jaghmel riha u jaghmel shana enormi.

Mill-provi mressqa mill-partijiet imkien ma jirrizulta li l-karozza bdiet turi dawn is-sinjali u, ghalhekk, l-ilmentatur ma kienx f'pozizzjoni li jinduna li seta' kien qed jigri xi haga hazina fil-*catalyser*. Barra minn hekk, kif jghid il-Malti, wara l-istorja kulhadd bravu. Galadarba l-*catalyser* mhux '*serviceable part'* u l-ilmentatur kien qed jiehu l-karozza ghas-*service* regolarment ghand *mechanic* li kellu wkoll il-kompjuter, wiehed ma jistax ilum lill-ilmentatur li ma kienx qed jaqdi dmiru bhala sid ta' karozza.

L-ilmentatur, bhal kull sid iehor ta' karozza li ma jkunx jifhem fl-inginerija awtomobilistika, jiddependi fuq min hu tekniku u, jekk sid ta' karozza jiehu l-karozza ghas-*service* regolarment, mhux ragonevolment mistenni minnu li jkun jaf jekk is-*service* sarx sew jew le.

Lanqas mhu ragonevolment mistenni li sid ta' karozza jibqa' jiehu l-karozza tieghu ghas-*service* ghand l-importatur li, kif irrizulta f'dan il-kaz, is-servizz tieghu ikun oghla fil-prezz. Barra minn hekk, kieku kulhadd imur ghand l-agent, kieku kull sid irid jaghmel zmien twil jistenna biex isirlu s-*service*. L-assikurazzjoni ma gabet l-ebda prova li l-*mechanic* tal-ilmentatur ma kienx kompetenti biex jaghmel *service* tajjeb fuq il-karozza jew li ma kienx kapaci jinduna jekk ikun hemm hsara fil-karozza u specifikament fil-*catalyser*.

Il-kriterju tar-ragonevolezza huwa indikat mil-ligi lill-Arbitru ghaliex il-legizlatur ried li dawn il-kazi jigu decizi skont il-haqq u s-sewwa aktar milli fuq ezami pedantiku u rigidu li hafna drabi jnessi l-punt proprju tal-kontroversja u jilludi l-applikazzjoni proprja tal-gustizzja.

*Jekk l-eskluzjoni msemmija hijiex relevanti ghal dan il-kaz*

L-eskluzjoni li jsemmi l-provditur tas-servizz hija din:

*'You are not covered for:*

[12] *Ibid.*

*Loss of use or any other consequential loss, loss of value, depreciation, wear and tear, mechanical, electrical or electronic failure, breakdowns or breakages'.*[13]

Din l-eskluzjoni tapplika jekk l-assikurat jitlob hlas ghal-'*loss of use'* tal-karozza jew xi telf iehor mhux dirett relatat mal-hsara tal-vettura. L-assikurat mhux intitolat ukoll ghall-inzul fil-prezz tal-karozza, deprezzament, '*wear and tear'* tal-karozza jew jekk ikun hemm xi parti mill-karozza li jkollha '*failure'* mekkaniku, elettriku jew elettroniku, u *'breakdowns'* jew *'breakages'*.

Min-naha l-ohra, il-karozza kienet, fost affarijiet ohra, koperta hekk:

'*If Your car is lost, stolen or **damaged,**[14] we will…*

*a) Pay the cost of repair to Your car or,*

*b) Replace what is lost, stolen or damaged beyond economical repair; or*

*c) Pay You the amount of the loss or damage to Your car.'*

F'dan il-kaz, m'hemm l-ebda prova konkreta li sehhet xi wahda mill-eventwalitajiet imsemmija fl-eskluzjoni u, ghalhekk, din l-eskluzjoni ma tapplikax. L-ilmentatur qed jitlob il-hlas tal-hsara li sehhet fil-karozza minhabba incident li ma kellux kontrol fuqu. Dwar dan kien assikurat.

Kif digà irrizulta, il-hruq fil-karozza kien wiehed istantanju u hadd mix-xhieda ma pprova li l-ilmentatur kien jittraskura l-karozza. Anzi, l-Arbitru ghandu provi bil-maqlub. L-ilmentatur qeda l-obbligi tieghu li jiehu l-karozza ghas-*service* regolarment u l-karozza kienet f'kundizzjoni eccellenti, tant li l-assikurazzjoni dejjem strahet fuq ir-rapport tat-tekniku imqabbad mill-ilmentatur. Dak li gara ma setax jipprevenih u ma jirrizulta xejn li ghamel xi haga mhux flokha li ghandu jintefa' t-tort fuqu kif qed jallega l-provditur tas-servizz.

Il-*catalyser* kellu jinbidel wara 160,000 kilometru, kilometragg li l-karozza ma kinetx lahqet. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda negligenza min-naha tal-ilmentatur li setghet twassal ghall-incident in kwistjoni. Wiehed irid japprezza wkoll li ghall-ilmentatur, li inharqitlu l-karozza kienet telfa psikologikament kbira ghaliex kif irrizulta mill-provi kienet qisha l-'*baby*' tieghu.

---

[13] *A Fol.* 69

[14] Enfasi tal-Arbitru

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha msemmija f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru jiddeċiedi li l-ilment huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u qed jilqgħu.

**Kumpens**

Huwa stabbilit fil-qasam tal-assikurazzjoni li l-assikurat għandu kemm jista' jkun jitqiegħed fil-qagħda finanzjarja li kien fiha qabel seħħ l-inċident. F'dan il-każ, l-assikurazzjoni kienet tinxurja din il-karozza fuq valur indikat mis-*surveyor,* Joe Cortis. L-ammont assikurat kien ta' €9,500. L-ilmentatur qed jitlob li jingħata s-somma ta' €8,500 għaliex minn meta kienet stmata f'Lulju 2019 sa Mejju 2020 meta seħħ l-inċident, il-karozza kienet iddiprezzat ruħha. Dawn l-ammonti mhumiex kontestati mill-provditur tas-servizz. L-ilmentatur qed jitlob ukoll ir-*wreck* tal-karozza.

Peress li l-Arbitru m'għandux stima ta' kemm tiswa r-*wreck* tal-karozza, l-Arbitru ma jistax jilqa' din il-parti tat-talba tal-ilmentatur.

**Għaldaqstant, skont l-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Citadel Insurance p.l.c.* tħallas is-somma ta' tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500) lill-ilmentatur.**

**Bl-imgħax legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-ħlas effettiv.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma għall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru għas- Servizzi Finanzjarji**